MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 320/2011

**26th Frame Limited (C-36306)**

**vs**

**Desmond Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Settembru 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centesmu (€6,445.82) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi mill-konvenut da parti tas-socjeta' attrici, fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment, kif ukoll tal-ittra ufficcjali pprezentata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-

Ligijiet ta' Malta, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut kif prezentata fl-atti nhar it-8 ta' Novembru 2011 fejn eccepixxa:

*1. "Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ftehim mas-socjeta' attrici kien ghal reklamar minn Novembru 2010 sa Dicembru 2010 biss u cioe' ghal festi tal-Milied u mhux wara.*

*Salvi risposti ulterjuri*."

**Alessandro Farrugia** xehed nhar id-9 ta' Jannar 2012 u dan fil-kapacita' tieghu ta' Direttur mas-socjeta' attrici. Huwa spjega li fost affarijiet ohra huma jipproducu l-programm *Bongu Bundy*. Huwa stqarr illi f'dan il-kaz huma offrew servizz ta' reklamar lill-konvenut Desmond Scerri billi s-sales manager taghhom kienet baghtet offerta lil Desmond Scerri ta' La Pappa Restaurant sabiex jaghmel xi reklamar maghhom ghax-xhur ta' Novembru u Dicembru tas-sena 2010. Proprju mit-22 ta' Novembru sal-31 ta' Decembru ta' dik l-istess sena kif qed jidher mid-dokument li esebixxa u li gie mmarkat bhala dokument DS. In segwitu ghal din il-proposta huma tkelmu mieghu telefonikament u dan Scerri kien accetta din il-proposta taghhom u sar ir-reklamar effettiv. Meta wasal it-terminu tal-ftehim mieghu versu l-ahhar ta' Dicembru 2010 regghu ghamlu kuntatt mieghu biex jaraw jekk kienx interessat li jerga' jaghmel reklamar maghhom u fil-fatt accetta li jerga' jiriklama maghhom ghal perjodu bejn Jannar u Gunju tas-sena 2011, kif jirizulta minn ordni li esebixxa u li giet immarkata bhala dokument DS1, u apparti r-reklami kien jghid li l-konvenut qed jokkupa s-slot tal-kcina fejn kien qed jibghat lix-chef tieghu u jaghmel reklamar fuq il-kcina taghhom li kellhom fis-sett. Huwa esebixxa foto kopji tal-original u wera seduta stante lil-kontroparti l-original ta' dawn l-istess dokumenti.

Spjega ulterjorment li f'Jannar tas-sena 2010 Desmond Scerri kien cemplilhom u qallhom li kien ircieva kont ta'

tnax il-elf Ewro (€12,000) tad-dawl u ilma, u ghalhekk talab biex jaghtuh xi discount fil-kont taghhom. Fil-fatt kienu akkomodawh u kienu waslu fi ftehim mieghu u naqsulu mis-somma dovuta lilhom, kif jirrizulta mid-dokument li esebixxa u li gie markat mill-Qorti bhala dokument DS2.

Kienu wkoll ziedulu n-numru tas-slots li kellu maghhom u li kien miftiehem maghhom minn qabel. Huwa spjega li in segwitu Desmond Scerri kellu diversi kuntatti mal-ufficcju taghhom tant li baghatilhom diversi ricetti u affarijiet ohra relatati mal-programm li kienu qed jaghmlu ghan-nom tieghu. Huwa esebixxa kopja ta’ din il-korrespondenza u li giet mmarkata globalment bhala dokument DS3. Huwa stqarr li in segwitu wiehed mic-chefs tas-sur Scerri kien tkellem hazin *on air* f’wiehed mill-programmi taghhom u ghalhekk kellhom iwaqfu c-chef milli jibqa’ jmur fil-programm.

Huwa esebixxa dokumentazzjoni li giet immarkata bhala dokument DS4 u DS5 dwar ricetti u dokumentazzjoni ohra relatata mal-programm li kienu qed jaghmlu in konnessjoni mieghu. Wara sar jaf li Desmond Scerri kecca lic-chef tieghu minhabba dan l-incident u xtaq li r-riklami li kien hallas ghalihom jigu ‘*shifted*’ fuq prodott iehor tieghu stess. Fil-fatt hekk sar.

Ix-xhud kompla jghid illi huma ghamlu *filming* tar-riklam ma’ John Bundy fl-istudio u dawn baqghu hergin b’mod regolari sa’ l-ahhar ta’Gunju. Dan jirrizulta minn dak li gie esebit. Nel frattemp il-kont tas-Sur Scerri tela’ ghall-ammont miktub fir-rikors promotur u cioe’ ghas-somma ta’ sitt elef erba’ mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€6,445.82). Is-Sur Scerri kien hallas elf Ewro (€1,000) minnhom u in segwitu kien baghat cekk iehor ta’ elf Ewro (€1,000) liema cekk ma ssarrafx ghaliex kien ibouncja darbtejn.

Huwa jispjega li dan l-istess cekk li bbouncja kien dovut ghal perjodu ta’ reklamar ghax-xahar ta’ Novembru tas-sena 2010 u parti minnu sabiex jaqta’ wkoll l-ewwel kont ta’ Jannar 2011. Ix-xhud ikkonferma li l-bilanc dovut kien

fl-ammont ta’ hamest elef, erba’ mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€5,445.82). Sussegwentament huwa kkoregga ruhu u qal li originarjament il-konvent kellu jaghti s-somma ta’ sitt elef, seba’ mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€6,745.82) u ghalhekk bl-elf li huwa baghat u gie ridott mill-kont, il-konvenut ghandu jaghtihom l-ammont mitlub fir-rikors promotur.

Peress li fl-ahhar ta’ Gunju ra li t-tieni cekk li kien baghat kien ibouncja darbtejn, kien mar flimkien mal-manager tieghu ghand is-Sur Scerri u dan kien qalilhom li kellu problemi finanzjarji peress li qabdu mieghu tas-TCU.

Ufficcjalment kien talbu biex ihallas pero’ ma setghax u ghalhekk kellhom jipprocedu l-Qorti. Ix-xhud ddikjara wkoll li kienu ftehmu li jiltaqghu flimkien mal-avukati taghhom sabiex jaghmlu xi forma ta’ ftehim u l-konvenut iffirma l-kambjali *post dated* ghall-ammont dovut. Pero’ dan kien ikkancella l-*meeting* fuq parir tal-avukat tieghu.

**Alessandro Farrugia** xehed in kontro-ezami fid-9 ta’ Mejju 2012 fejn ikkonferma li fix-xhur Jannar, Frar u Marzu tas-sena 2011 huma taw servizz ta’ reklamar lill-konvenut. Ix-xhud esebixxa kopja tal-ftehim li huma kienu ghamlu mieghu u sussugwentament, ir-revizjoni tal-istess ftehim. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati mill-Qorti bhala dokument X u Y rispettivament. Dan il-ftehim kien sar permezz tat-*telephone* u sussugwentament il-ftehim gie moghti lilu. Huwa cahad li hemm il-firma tieghu fuq dawn il-booking orders. In segwitu pero’ giet skambjata korrespondenza tramite l-email li saret referenza ghal dawn il-*booking orders*.

Huwa sostna li mhux minnu li l-ftehim mas-sur Scerri kien fis-sens li huwa kien ser jisilfilhom kok ghaliex taghhom kien telaq. Il-ftehim mas-sur Scerri kien li jaghtuh slot ta’ kcina fil-programm sabiex jkompli minn Jannar sa Gunju. Is-servizz kien jinkludi li s-sur Scerri kien ikollu riklam ghal stabbiliment tieghu u waqt il-programm kien jibaghat lil kok tieghu sabiex isajjar. Mistoqsi jekk il-kok in kwistjoni kienx ikollu xi logo fuq il-qmis, jghid li dwar dan jien ma

jiftakarx. Huma ma setghux isemmu li huwa kien gej minn La Pappa Restaurant minhabba r-regoli tax-xandir.

Ir-riklam kien dwar l-istabbiliment La Pappa Restaurant. Mistoqsi x'kien fih ir-riklam li kienu qeghdin jaghmlu ghal restaurant La Pappa wiegeb li ma jiftakarx b'mod car. Huwa pprometta li fis-seduta sussegwenti jesebixxi l-filmati ta' dan ir-riklam. Mistoqsi jekk kienx hemm ftehim dwar il-prezz wiegeb li iva kien hemm. Naturalment il-prezz huwa dak imsemmi fil-*booking order* li huwa esebixxa fid-dokument X u Y. Huwa kkonferma li kienu ghamlu kambjament dwar il-prezz u fil-fatt fil-*booking order* Y il-prezz huwa aktar minn dak indikat f'dokument X, meta kienu tawh *reduction*.

Huwa spjega li r-ricetti li huma jtellghu fuq il-web site taghhom jagevolaw kemm lilhom, kemm il-viewers kif ukoll lill-klijent. U fuq ir-ricetta stess ikun hemm logo tal-istabiliment stess.

Huwa sostna li l-kok tas-sur Scerri kien dagha waqt li kien *on air* u ghalhekk kienu talbu li jitwaqqaf dan il-kok. Is-sur Scerri kien qal li effettivament kien keccieh u ghalhekk biddel ir-riklami ta' La Pappa ma' prodott iehor, maghruf bhala P*owertune*. Effettivament kien sar riklam iffilmjat minn John Bundy. Fil-fatt bdew icemplu in-nies fl-ufficcju ghaliex ma setghtux jaqbdu lis-sur Scerri. Huma kienu baghtu l-korrespondenza lis-sur Scerri fejn talbuh jekk in-numru li kien tahom kienx tajjeb u hu irrisponda li iva. Din id-dokumentazzjoni giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z. Huwa ddikjara li huwa f'posizzjoni li fis-seduta sussegwenti jaghti *breakdown* ta' kull programm li effettivament sar.

**Vanessa Borg** prodotta mis-socjeta' attrici xehdet nhar il-25 ta' Jannar 2012 u spjegat illi kienet tahdem mas-socjeta' attrici fil-perjodu tas-sena 2010 u 2011 u dan fil-kariga ta' sales executive. Mistoqsija jekk tafx lil Desmond Scerri wiegbet li tafu, u tafu fil-kuntest tax-xoghol peress li kien wiehed mill-klijenti taghhom. Hija esebiet email li effettivament kienet baghtet lil Alessandro Farrugia ghan-nom tas-socjeta' 26th Frame Limited in

konnesjoni ma' Desmond Scerri. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument CSH. Hija kkonfermat il-kontenut tieghu. Qalet li fir-raba' sentenza ta' din l-istess email, hemm miktub li Desmond Scerri kien cempel sabiex jikkancella l-kampanja, pero' stqarret li effettivament dakinhar kien staqsa wkoll jekk setax jikkancella l-ftehim li kellu maghhom. Fil-fatt kienet issuggerietlu sabiex jiltaqghu halli jaraw x'jista jsir u ma jistax isir u effettivament kienu ltaqghu u tawh discount u ziedulu l-ammont ta' spots. Dan Scerri kien kuntent bil-ftehim il-gdid u ddecieda li jkompli u l-pakkett offrut lilu gie uzat sal-ahhar.  Hija spjegat illi effettivament kien ghamel xi pagament li jkopri x-xhur ta' Novembru u Dicembru tas-sena 2010 pero' sussegwentament taf li kien ghad baqa' xi debitu pendenti. Taf ukoll li kien sar it-tieni pagament pero' c-cekk kien ibbouncja. Sa fejn taf hi ma sarx pagament iehor.

**Vanessa Borg regghet** xehdet fit-13 ta' Frar 2013 fejn iddikjarat li hija taf lill-konvenut fuq kwistjoni ta' advertising. Hija kkonfermat li meta kienu iltaqghu kienet qaltlu li kienu ser jaghtuh xi *discount*. Il-konvenut kien ghamel l-ewwel kampanja bejn Novembru u Dicembru u sussugwentament kien hemm kampanja ohra li kienet tibda f'Jannar u tispicca f'Gunju. L-ewwel kampanja bejn Novembru u Dicembru kienet tikkonsisti fi *spots* fuq it-telelvizjoni. Fil-fatt kienet ix-xhud stess li marret tiltaqa' ma' Desmond Scerri sabiex jaraw x'tip ta' pakkett setghu joffrulu. Ghalhekk bejn Novembru u Dicembru kien hemm avvizi li kienu jidhru fuq il-programm ta' John Bundy rigwardanti restaurant tal-konvenut 'La Pappa'.

Ix-xhud spjegat li hi procedura li wara li jsir ftehim, jintbaghat kopja tieghu bil-posta. Mistoqsi jekk kienx iffirma xi *booking order* qalet li ma tiftakarx. Fil-fatt il-konvenut kien ghamel l-ewwel pagament li ssarraf u t-tieni pagament sar permezz ta' cekk li bbownsja. It-tieni pagament kien jirreferi kemm ghall-ewwel ftehim li kellhom dwar Novembru u Dicembru kif ukoll ghal dak minn Jannar sa Gunju. Minn Jannar sa Gunju wkoll kellu jkun hemm xi avvizi fuq it-television. Il-ftehim kien li kellu

jkun hemm xi avvizi fuq it-television kif ukoll kitchen slots, fejn kien ikun hemm kcina li ssir darba fil-gimgha.

Fil-kampanja li saret minn Jannar sa Gunju kien hemm il-kok tas-sur Scerri li kien inqabad jidghi *on air* waqt xi programm u naturalment huma avvicinaw lill-konvenut bhala propjetarju tal-programm, u qalilhom li kien ser ikecci lill-kok tieghu u kien ser jara x'kien ser jaghmel bhala *replacement*. Kokijiet fuq il-programm dejjem kien ikun hemm ghax ikun hemm *slot* kwazi kuljum. Mistoqsi ghaliex kien spicca l-kok ta' qabel dak li kien gab is-sur Scerri wiegbet li ma tafx, jista' jkun li kien spicca s-*slot* tieghu li hija haga normali.

Hija ma tiftakarx x'kienu l-ammonti nvoluti rigwardanti t-tieni kampanja pero' bhala pakkett kien jirrigwardja minn Jannar sa Gunju *spots* u bil-*kitchen slot*. Naturalment il-kok ma kienx jissemma bhala kok ta' La Pappa Restaurant u lanqas ma jkollu logos fuq il-flokk ghax dik hija procedura tal-Awtorita' tax-Xandir ghax inkella jinghataw multa. L-unika hinijiet li kienet tissemma La Pappa kienet fl-ispots u dan huwa ftehim normali ta' kull kcina. Hija kkonfermat li l-konvenut kien jaghti xi ricetti minn tieghu ghall-website li kellha s-socjeta' attrici dwar il-programm ta' John Bundy. Dan sabiex it-telespettaturi jkunu jistghu jaraw ir-ricetta anke wara l-programm.

Ix-xhud giet murija l-*booking orders* esebiti fl-atti a fol 13 et sequitur u qalet li dawn huma l-*booking orders* taghhom u hemm il-kitba taghha fuqhom. Dan huwa l-*package* li effettivament hija tkellmet mas-sur Scerri. Huma jibghatuhom bil-posta biex eventwalment il-klijent jiffirmhom u jibghathom lura. Hija spjegat li apparti l-booking order is-sur Scerri kien jircievi l-invoices fix-xahar u qatt ma mar jikkontesta, u dawn huma l-istess ammonti li hemm miktuba fil-booking order. L-ewwel invoice tal-*booking order* qieghda a fol 13 tal-process u tkopri l-ewwel perjodu ta' Novembru u Dicembru u cioe' l-ewwel pakkett li kienu tkellmu dwarhom. It-tieni booking order a fol 14 tal-process hija *booking order* fejn kienu ftehmu dwar il-pakkett minn Jannar sa Gunju. Hija ma jidhriliex li kienu rcevew kopja ffirmata dwarha pero' mhux hi

tircevihom izda l-accounts. Dan kien jikkonsisti dwar *kitchen slots* u *spots.*

Sussugwentement wara li sar il-*booking order* (fol 14) il-konvenut kien cemplilha u talab biex taghmel ammenda ghax kien ircieva xi kont kbir minn ghand xi kumpanija ohra. Fil-fatt meta ltaqghat mieghu ippruvat tirrangalu l-pakkett biex tagevolah u tkellmet mal-boss taghha wara l-laqgha li kellhom. Huma tawh discount u zidulu xi ftit aktar *spots.* Ghalhekk harget il-booking order a fol 15. Naturalment hu qabel mieghu ghax beda jibghat il-kok fil-programm. Ghalhekk mill-*booking order* li hemm a fol 14 u fol 15 hemm id-differenza ta' €461 u minn €6,136 sar €5,675. Pero' hija cahdet li wara li tawh it-tieni pakkett (dak li hemm a fol 15), is-sur Scerri lmenta maghhom dwar il-prezzijiet. Wara hafna zmien li kien ghaddej il-programm skond dan l-istess booking order, kienu marru x-xhud u l-boss taghha Alessandro Farrugia jiltaqghu mieghu sabiex jaraw dwar il-hlas li kellu jsir u qatt ma semma li ma kienx kuntent bil-ftehim u r-reklamar. Il-konvenut kien talabhom biss sabiex jaghtuh ftit cans ghax kellu xi problemi mat-Tax Compliance Unit tat-taxxa. Huwa kien talabhom zmien biex huwa jkun jista' jhallas aktar tard. Wara li kien gara dak l-incident fejn il-kok tieghu kien instema jidghi fuq il-programm, huwa kellu xi offerta dwar "*Pasta Wednesdays*" u ghalhekk kienu ser jaqilbu s-servizz li kienu jaghtuh ghal dan ir-reklamar ta' Pasta Wednesdays. Huma kemm-il darba baghtu camera person bi spiza ghal 26th Frame pero' qatt ma sar filming ghax dejjem kien ikun hemm xi problema minn naha tal-konvenut. Eventwalment is-sur Scerri qal li kellu xi prodott "P*ower Tune*" u ddecidew li jaghmlu riklam u kienu marru flimkien ma' John Bundy biex jaghmlu advertorial tieghu fl-istudios tax-xhud. Ir-riklam sar, beda jidher u kien hemm il-*mobile number* tas-sur Scerri stess. Hija sostniet li bdew icemplu xi nies ghax qatt ma setghu jaqbdu fuq dan in-numru u fil-fatt cemplu lill-konvenut biex jivverifikaw li n-numru kien tajjeb sabiex il-kampanja tkun qed tahdem u vverifikaw li effettivament kien in-numru tieghu.

Ix-xhud ikkonfermat li kien hemm zmien meta effettivament il-konvenut ma kienx qed jaghmel riklami

maghhom u cioe' meta kien hemm l-incident tal-kok li dagha fuq it-televizjoni *on air* u bdew dawn l-*advertorials* pero' dan l-*advertorial* sar ghal zmien itwal. Il-problema ma kinitx minn naha taghha izda kienet minn naha tal-konvenut ghax ma kienx ghamel riklam qabel. Fil-fatt meta huma zidulu l-hin tal-*advertorials* kien patta ghal meta l-kampanja ma kinitx qed tigi programmata. Il-*kitchen slot* kienet iddum kwazi ghoxrin minuta u kienet parti mill-pakkett pero' din kienet tkun parti informattiva u ma ghandhiex x'taqsam mal-*advertising*. Hija stqarret li m'hemmx prezz ghal kitchen slot ghax hija parti mill-pakkett, u peress li l-programm ikollu bzonn dan il-kontenut bhala informazzjoni ghat-telespettatur.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Gunju 2012 li permezz taghha esebiet numru ta' dokumenti li gew mmarkati minn Dok AF 1 sa Dok AF 7 rispettivament. Dok AF 1 hija l-korrispondenza li giet skambjata bejn il-partijiet, Dok AF2 - kopji ta' ricetti uploaded fuq il-website Bongu Bundy, Dok AF3 huma ricetti mibghuta mill-konvenut u uploaded fuq il-website Bongu Bundy, Dok AF 4 hija skeda tal-programm Bongu Bundy Dicembru 2010, Dok AF 5 huwa skeda tal-programm Bongu Bundy Mejju/Gunju 2011, Dok AF6 huma emails skambjati bejn il-partijiet u Dok AF 7 Powertune Advert (DVD).

**John Bundy** xehed fis-7 ta' Marzu 2012 fejn gie mistoqsi x'relazzjoni kellu mas-socjeta' attrici ghal habta tal-perjodu Novembru elfejn u ghaxra (2010). Huwa qal li huwa ghandu relazzjoni ta' xoghol mat-26th Frame Limited, u jipproduci prodott li johrog kuljum matul il-gimgha *on air*. L-isem tal-programm huwa Bongu Bundy. Mistoqsi jekk huwa kellux xi relazzjoni ma' Desmond Scerri, wiegeb li huwa personali ma kellux. Pero' jaf li 26th Frame kellhom relazzjoni ta' xoghol kontrattwali ma' Desmond Scerri, fis-sens li Desmond Scerri kellu jaghmel xi reklamar waqt il-programm tieghu. Meta hu qed jghid Desmond Scerri qed jaghmel referenza ghar-restaurant La Pappa. Huwa stqarr illi kellhom zewg tipi ta' relazzjonijiet, darba fil-gimgha kien ikun hemm rapprezentant tar-Restaurant La Pappa prezenti *on air* fil-programm tieghu u jaf li kellhom ukoll il-

prodott tar-riklam li kien johrog xi granet tal-programm. Ix-xhud kien imexxi l-programm u kien jipromwovi l-ikel li jsajjar La Pappa Restaurant u darba minnhom kien gie mitlub mil-propjetarju ta' La Pappa Restaurant sabiex jaghmel recording ta' riklam li ma kellux x'jaqsam xejn mal-ikel u mar-Restaurant izda kien jikkoncerna tip ta' prodott li kienu jimportaw huma. Mistoqsi x'kien il-prodott, wiegeb li kien xi haga tal-elettriku, biex tiffranka xi haga mil-konsum tad-dawl. Din il-gadget kienet maghrufa bhala Power Tunity. Fil-fatt ir-riklam huwa effettivament kien ghamlu pero' sal-lum il-gurnata ghadu ma thallasx. Pero' dan ir-riklam naturalment ma kellu x'jaqsam xejn mar-relazzjoni li l-istess Desmond Scerri kellu mas-socjeta' attrici. Ix-xhud iddikjara li b'referenza ghall-prodott li johrog dirett fuq it-television huwa responsabli ghalih huwa stess. Dan dam ghaddej bejn Novembru u Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Huwa jaf li kien hemm xi perjodu wkoll li waqfu li ma baqghux jigu prezenti fl-istudio.

Huwa kkonferma illi qatt ma jkun prezenti waqt li jsir kuntratt bejn 26th Frame u klijent, u ma jistaqsix dwarhom lanqas. Pero' huwa jaf zgur li wara li waqfu jaghtu s-servizz taghhom dirett fuq il-programm kienu ddecidew li l-prodott taghhom jibqa' jigi rriklamat waqt il-programm ukoll. L-iskeda tieghu tispicca f'Gunju u jekk ma kienx sejjer zball baqghu jirriklamaw sa dak iz-zmien.

Illi nhar is-26 ta' Settembru 2012 l-avukat difensur tal-konvenut ipprezentat l-affidavit tal-konvenut li gie mmarkat bhala Dok X (fol. 13). Fl-affidavit spjega illi l-unika ordni li huwa iffirma kienet biss dik l-ordni mmarkata bhala Dok DS li tikkoncerna r-reklamar bejn Novembru u Dicembru 2010. Allega li huwa kien qal lis-socjeta' attrici li ma xtaqx ikompli bir-reklamar u tenna li fil-fatt huwa kien silef kok lis-socjeta' attrici bi pjacir ghalihom ghaliex kien hemm zmien meta spiccaw minghajr kok. Fil-fatt qal li dan kien biss pjacir li ghamlilhom u fil-fatt matul il-programm il-kok lanqas biss kellu logo tar-restaurant tieghu u ghalhekk fil-fehma tieghu dan ma kienx reklam ghalih. Qal li jaf li r-restaurant tieghu ma setax jissemma minhabba xi regoli tax-xandir. Fil-fatt is-socjeta' attrici kienet offrietlu li kienet

ser tirrangalu xi prezzijiet tajbin ghar-reklamar pero' huwa qatt ma accetta dak li kienu offrewlu. Ikkonkluda li huwa ha qata' meta is-socjeta attrici kienet baghtitlu l-invoices esebiti ghaliex jghid li qatt ma kien ftiehem dwarhom u lanqas jaf ta' x'hiex kienu qed jippretendu din is-somma.

**Il-konvenut Desmond Scerri** xehed fit-13 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li dwar l-ewwel *booking order* a fol 13 huwa jaf li kien hemm ftehim dwar Novembru u Dicembru, u dak ma kienx hemm problemi dwaru. Fil-bidu ta' Jannar huwa jaf li kien telaq kok minn mas-socjeta' attrici u kienet staqsietu biex jaghmlilha pjacir u jipprovdilha kok u qaltlu li kienet ser tirranga mieghu l-pakkett li kellu. Sussugwentement sab li kien hemm xi tletin ewro discount u allura spiccat li kellu tletin ewro discount ta' kull gimgha. Huwa kien kellimhom fuq id-discount u li ma kienx kuntent u dejjem kienu jghidulu li kienu ser jirrangaw. Kull darba li huwa rcieva l-*istatement* huwa jaf li kien icemplilhom. Huwa kien spicca bil-kont li pprezenta u li ghandu f'din il-kawza.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013.

Ikkunsidrat.

Illi s-socjeta' attrici f'din il-kawza qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma imsemmija fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' sitt elef, erba' mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centesmu (€6,445.82) rapprezentanti din is-somma prezz ta' servizz ta' reklamar rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut. Il-konvenut fir-risposta tieghu jghid li l-ammont mhux dovut ghaliex il-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti kien biss ghal perjodu ta' Novembru u Dicemebru 2010 u cioe' ghal festi tal-Milied u mhux ghall-ewwel sitt xhur tas-sena 2011.

Illi ghalhekk jispetta lis-socjeta' attrici tipprova li hija kellha ftehim mal-konvenut dwar dan is-servizz.

Alessandro Farrugia, Direttur tas-socjeta’ attrici xehed u spjega illi s-sales Manager tieghu kienet baghtet offerta lill-konvenut sabiex jaghmel xi *advertising* maghhom mit-22 ta’ Novembru sal-31 ta’ Dicembru 2010. Jghid li fil-fatt il-konvenut kien accetta din l-offerta telefonikament u in segwitu is-socjeta’ minnu rapprezentata kienet baghtet Booking Order kif jirrizulta mid-Dokument immarkat DS esebit fl-atti a fol. 13 u dan versu il-korrispettiv ta’ €1,770. Dan ir-reklamar sar kollu u ma jidhirx li l-konvenut qed jikkontesta dan il-fatt. Farrugia jispjega li lejn l-ahhar ta’ Dicembru is-socjeta’ attrici ghamlet kuntatt mal-konvenut u staqsietu jekk kienx interessat jaghmel ordni ohra ghax-xhur gejjin u jghid li dan accetta li jaghmel reklamar maghhom ghal perjodu bejn Jannar u Gunju 2011 u fil-fatt ghal darb’ohra kien baghat il-*booking order* esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok DS1 a fol. 14. Jikkonferma li wara li l-konvenut kien ghamel din l-ordni f’Jannar 2011 kien cemplilhom u talabhom *discount* peress li kien ircieva xi kont tad-dawl u ilma gholi u huma laqghu t-talba tieghu u tawh discount kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok DS 2 fejn f’dan id-dokument hemm indikat ukoll in-numru ta’ *slots* li kellhom jipprovdulu. Huwa esebixxa numru ta’ emails li gew mibghuta lill-konvenut minn Vanessa Borg bhala *reminders* tal-*filming* li kien qed isir f’dan il-perjodu miftiehem u sahansitra anke esebixxa numru ta’ ricetti li gew mibghuta lilu mill-konvenut ghal programm li kien qed ixandar tramite John Bundy. Dawn l-emails li gew skambjati jinsabu esebiti fl-atti a fol 16 et seq u minn ezami taghhom jirrizulta li l-konvenut kien kompjacenti ta’ dak kollu li kien ghaddej. Farrugia esebixxa statement, mmarkat bhala Dok DS7 li ma giex kontestat mill-konvenut u minn ezami ta’ l-istess jidher li l-konvenut kien ghamel zewg pagamenti permezz ta’ cekkijiet wiehed ta’ elf ewro (€1,000) fil-15 ta’ April 2011 li gie imsarraf u cekk iehor ta’ elf ewro (€1,000) fit-28 ta’ Gunju 2011 li ma giex onorat u ghalhekk il-bilanc dovut illum huwa ta’ sitt elef, erba’ mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centesmu (€6,445.82).

Jigi rilevat minnufih ghalhekk li ma jistax ikun dak li qal il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu li huwa kien ftiehem biss ghax-xhur Novembru / Dicembru 2010 ghaliex kieku qatt

ma kien ser jaghmel hlas ta’ elfejn ewro ghaliex sa Dicembru 2010 l-ammont dovut kien biss ta’ elf, seba’ mija u sebghin ewro (€1,770) illi ghalhekk bil-fors li t-tieni pagament kien intiz sabiex jibda jaqta’ wkoll mid-debitu li kellu tar-reklamar ghax-xhur Jannar / Gunju 2011. Farrugia jghid li kien mar ikellem lill-konvenut personalment u dan qatt ma qallu li l-flus ma kinux dovuti – qallu biss li kellu problema ma tat-Tax Compliance Unit u ghalhekk kien ftiehem mieghu sabiex jiltaqghu flimkien mal-avukati taghhom sabiex jaghmlu xi forma ta’ ftehim b’xi kambjali *post dated* pero’ dan il-*meeting* kien gie kancellat mill-konvenut.

Meta xehed fid-9 ta Mejju 2012, Farrugia gie mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim dwar prezzijiet u huwa qal li kien hemm u fil-fatt stqarr li huma dawk indikati fid-dokumenti X u Y esebiti fl-atti. Huwa jghid li r-reklamar li ghamlu kienu kemm fuq it-*television* tramite il-programm Bongu Bundy kif ukoll fuq il-websajt taghhom fejn kienu jtellghu r-ricetti ta’ La Pappa Restaurant bil-logo ta’ dan l-istess stabbiliment.

Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni, bizzejjed il-Qorti thares lejn id-dokumenti esebiti permezz ta’ nota a fol 45 et seq u cioe’ id-Dok AF2 u Dok AF3 - id-diversi ricetti *uploaded* minn fuq il-websajt Bongu Bundy, id-Dok AF 4 u Dok AF5 - l-iskedi tal-programmi Bongu Bundy u id-Dok AF 7 li huwa l-advert li sar ghall-prodott Powertune.

Is-socjeta’ attrici resqet lil John Bundy bhala xhud taghha u dan sabiex jikkonferma li fil-programm li jipproduci kuljum *on air* bl-isem ta’ Bongu Bundy l-konvenut kien jaghmel xi reklamar mieghu ghalkemm spjega li r-relazzjoni kontrattwali tal-konvenut kienet mas-socjeta’ attrici. Spjega li darba kull gimgha il-konvenut kien jibghat il-kok tar-restaurant tieghu La Pappa fuq il-programm tieghu u fil-granet l-ohra kien jirreklama xi prodotti tieghu fosthom prodott sabiex bniedem jiffranka mill-elettriku maghruf bhala Powertune.

Illi ma hemmx dubbju li f'din il-kawza l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti - dik esposta mis-socjeta' attrici li tghid li l-konvenut huwa debitur taghhom fl-ammont mitlub fir-rikors promotur u dik eccepita mill-konvenut li jghid li huwa m'ghandu jaghti xejn ghaliex qatt ma ftiehem dwar ir-reklamar li qed jintalab hlas tieghu ghall-perjodu bejn Jannar u Gunju 2011.

F'dan il-kuntest, ghalhekk, il-Qorti tirreferi ghal dak li sahqet fuqu il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "**Farrugia vs Farrugia**" (deciza fl-24 ta' Novembru 1966):

"*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*"

U fil-kawza "**Paul Vassallo vs Carmelo Pace**" (Vol. LXX. II. 144):

"*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.*"

Inoltre, inghad ukoll fil-kawza "**Zammit vs Hili**" (deciza fis-27 ta' Gunju 1953):

"*Ma hux dubitat li r-regola generali hi li l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – "ei*

*incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat". L-attur qieghed jghid li l-fond hu detenut prekarjament mill-konvenut, u kwindi jista' jidher "prima facie" li l-piz tal-prova ta' l-allegazzjoni tieghu, dik cjoe tal-prekarjeta`, hu mixhut fuq l-attur. Izda spiss jigri illi waqt li l-kawza tkun miexja l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra, ghax jista' jkun gie stabbilit fatt li juri "prima facie" li t-tezi tal-attur hi sostenuta."*

Illi skond is-sentenza moghtija nhar it-30 ta Novembru 2011 mill-Qorti ta' l-Appelli (Aede Inferjuri) fl-ismijiet '**<u>Advertising Limited (C27689) vs Tano Farrugia u martu Fiona Farrugia'</u>** t-tip ta' prova li jtrid tressaq is-socjeta' attrici huma skond il-gurisprudenza konstanti li:

*"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova talezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) (Vol. XLVI.i.5).*
*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' (Vol. XXXVII.i.577).*
*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik*

*id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kap. 12 li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost missentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni."* ("**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" – A.I.C. (PS) -12 t'April, 2007; "**Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – A.C. -30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104).

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici resqet is-segwenti provi sabiex tipprova li kien hemm ftehim bejnha u l-konvenut:

1. Ix-xhieda tad-Direttur taghha Alessandro Farrugia, Vanessa Borg manager taghha u lil John Bundy fejn ilkoll jikkonermaw li kien hemm ftehim dwar is-servizz li is-socjeta' attrici kellha taghti.
2. Il-provi dokumentarji dwar is-servizz li effettivament inghata kemm ghar-rigward ir-reklamar tar-restaurant La Pappa fejn kien hemm il-kok taghha jirreklama fuq il-program Bongu Bundy u ir-ricetti tal-kok taghha kienu jinsabu fuq l-website tal-programm Bongu Bundy bil-logo tar-restaurant u dan ghall-perjodu kollu bejn Jannar u Gunju 2011. Jirrizulta wkoll l-iskedi tal-program Bongu Bundy ghal dan il-perjodu kollu bejn Jannar u Gunju 2011 fejn hemm skedat ir-reklamar tar-restaurant La Pappa.
3. L-iskambju ta' emails li kien hemm bejn Vanessa Borg u l-konvenut dwar meta kien ser ikun hemm filming u l-iskambjar ta' e-mails dwar ir-ricetti li kienu qed jigu imxandra u dan tul il-perjodu ta' bejn Jannar u Gunju 2011.
4. Ir-reklamar tal-prodott Powertune tal-konvenut kif jirrizulta mid-DVD esebit.
5. L-istatement tal-kont tal-konvenut minn fejn jirrizulta li huwa ghamel zewg hlasijiet, cekk wiehed ghal elf ewro (€1,000) li ssarraf u cekk iehor ghall-istess ammont ta' elf ewro (€1,000) li ma ssarrafx u b'hekk kellu l-hsieb li jhallas ammont ta' elfejn ewro meta il-kont tar-reklamar bejn il-perjodu Novembru u Dicembru 2010 kien ghall-ammont inqas minn elfejn ewro (€2,000) u ghalhekk dan huwa

indikattiv li l-konvenut xtaq jibda jnaqqas mid-debitu li kellu dwar ir-reklamar li sar fil-perjodu Jannar / Gunju 2011.

Minn naha l-ohra l-konvenut strah biss fuq ix-xhieda tieghu li qal li ma hemmx ftehim iffirmat bejnu u bejn is-socjeta’ attrici u ghalhekk mhux minnu li kien hemm ftehim dwar ir-reklamar u l-fatt li is-socjeta’ attrici wzat il-kok tieghu ma jfissirx li kien ta’ reklam ghalih, anzi jghid li kien qed jaghmel pjacir hu lis-socjeta’ attrci ghaliex bl-ghajnuna tieghu setghet timla slot li kellha fuq il-programm Bongu Bundy. Ma jghid xejn pero’ dwar il-hlas li ghamel jew ghall-e-mails li hemm esebiti jew ghad-DVD tal-prodott Powertune. Lanqas referenza ghal dawn il-provi ma ghamel.

**Ghalhekk, il-Qorti thoss li s-socjeta’ attrici ipprovat sal-grad rikjest mill-ligi li hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur u ghalhekk qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut billi tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma imsemmija fir-rikors promotur u cioe’ is-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centesmu (€6,445.82).**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment, kif ukoll tal-ittra ufficcjali pprezentata ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut. L-imghax jibda jiddekorri mid-data ta’ meta l-ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------